

Il-Ħamis, 6 ta' Mejju 2010

**Deċiżjoni biex ma tissejjaħx Konvenzjoni għar-reviżjoni tat-Trattati - Miżuri transitorji dwar il-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew \*\*\***

P7\_TA(2010)0147

**Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Mejju 2010 dwar il-proposta tal-Kunsill Ewropew biex ma ssirx Konvenzjoni għar-reviżjoni tat-Trattati fir-rigward tal-miżuri transitorji dwar il-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew (17196/2009 – C7-0002/2010 –2009/0814(NLE))**

(2011/C 81 E/32)

(Proċedura ta' Kunsens)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-ittra tal-President tal-Kunsill Ewropew indirizzata lill-President tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Diċembru 2009 dwar l-emenda tal-Protokoll Nru 36 dwar id-dispożizzjonijiet transitorji (17196/2009),
  - wara li kkunsidra t-talba għall-approvazzjoni magħmula mill-Kunsill Ewropew, skont l-Artikolu 48(3)(2), tat-Trattat UE (C7-0002/2010),
  - wara li kkunsidra l-Protokoll Nru 36 dwar id-dispożizzjonijiet transitorji, anness mat-Trattat ta' Lisbona,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 14(3), tat-Trattat UE,
  - wara li kkunsidra l-Att dwar l-elezzjoni tal-membri tal-Parlament Ewropew b'suffraġju dirett universali tal-20 ta' Settembru 1976,
  - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-laqgħat tal-Kunsill Ewropew tal-11 u t-12 ta' Diċembru 2008 kif ukoll dawk tat-18 u d-19 ta' Ġunju 2009 u tal-10 u l-11 ta' Diċembru 2009,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 74a u l-Artikolu 81(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali (A7-0116/2010),
- A. billi l-Konvenzjoni li saret bejn it-22 ta' Frar 2002 u t-18 ta' Lulju 2003 wasslet għat-tfassil tal-abbozz tat-Trattat li jstabilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa, li s-sustanza tiegħu, bażikament, tinsab inkorporata fit-Trattat ta' Lisbona li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 2009,
- B. billi saret ukoll il-Konvenzjoni ta' bejn is-17 ta' Diċembru 1999 u t-2 ta' Ottubru 2000 għat-tfassil tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,
- C. billi dawn iż-żewġ konvenzjonijiet, li għall-ewwel darba laqgħu flimkien rappreżentanti tal-parlamenti nazzjonali, tal-Parlament Ewropew, tal-gvernijiet nazzjonali u tal-Kummissjoni, bl-għan li jsir xogħol fuq it-tfassil ta' proġett komuni għall-Unjoni Ewropea, kienu ta' avvanz importanti favur mekkaniżmi tat-tehdid tad-deċiżjonijiet li jkunu fl-istess ħin demokratiċi u effikaċi fuq skala Ewropea,
- D. billi madankollu dawn iż-żewġ konvenzjonijiet tlaqqgħu biex jittrattaw is-suġġetti ewlenin marbuta mal-ġejjieni tal-Unjoni Ewropea, jiġifieri minn naħa waħda hemm ir-riforma tal-istruttura istituzzjonali Ewropea u min-naħa l-oħra t-tfassil ta' test li jiġbor il-prinċipji u d-drittijiet fundamentali li jiffurmaw il-bażi komuni tal-Ewropej,

**Il-Ħamis, 6 ta' Mejju 2010**

- E. billi, skont l-Artikolu 48(3)(1), tat-Trattat UE, il-Parlament Ewropew irid jiġi kkonsultat mill-Kunsill Ewropew dwar ir-reviżjoni tal-parti tal-Protokoll nru 36, annessa mat-Trattat ta' Lisbona, li tittratta d-dispożizzjonijiet transitorji marbuta mal-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew,
- F. billi l-Kunsill Ewropew qed jipproponi li ma tissejjaħx Konvenzjoni u li l-Protokoll emendat jiġi adottat fil-qafas ta' Konferenza intergovernattiva,
- G. billi, fid-dawl tal-preċedent, mhuwiex meħtieġ li ssir Konvenzjoni għall-approvazzjoni ta' emenda transitorja u ta' ambitu limitat tad-dispożizzjonijiet stabbiliti fit-Trattat UE dwar il-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew,
1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu lill-Kunsill Ewropew biex jemenda l-Protokoll Nru 36 fil-qafas ta' Konferenza intergovernattiva, mingħajr ma ssir Konvenzjoni;
  2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.
-